MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 155/1994/3

Citazzjoni Nru. 155 / 94NC

Kawza fil-lista: 28

**George Said, u b' nota tal-5 ta' Marzu 1999 assuma l-atti tal-kawza minfloku l-Avukat Dottor Joseph Zammit Mc Keon, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited, u din bhala agenti f' Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Winter Hollow Catering Co.Ltd.**
**Vs**
**Paul Camilleri u Christopher Pace, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Paula Developments Ltd. u Joseph Borg u Emanuel Vella, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Offcentre Building Services Ltd. u b' digriet tat-8 ta' Marzu 1999 giet**

**kjamata fil-kawza l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi fix-xahar ta' Settembru 1993, waqt li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom kienu qed jesegwixxu xoghol ta' thaffir ta' sit f'Main Street, San Giljan, intlaqat main pipe tal-ilma minn wahda mill-ingenji b'mod li hareg kwantita' ta' ilma li ikkaguna flooding go fondi gestiti mis-socjeta' Winter Hollow Catering Co. Ltd., u konsegwenti hsara;

Peress illi s-socjeta' Winter Hollow Catering Co. Ltd., kellha polizza ta' assikurazzjoni mal-attur nomine, u ghalhekk saret claim mis-socjeta' assikuratrici attrici in konnessjoni ma' dan l-incident;

Peress illi l-attur nomine, kif obbligat, indennizza lill-assikuratur tieghu fis-somma ta' elf seba' mija disgha u sittin lira wiehed u tletin centezmu (Lm1769.31c) ghad-danni li l-assikurat garrab konsegwenza tal-imsemmi flooding, ghal liema ammont l-attur nomine gie surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu;

Peress illi ghall-incident u konsegwenzjali danni huma responsabbli s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Peress illi l-konvenuti nomine, interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni, baqghu inadempjenti;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti, in rappresentanza taz-zewg socjetajiet konvenuti, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, ghad-danni kagunati mill-flooding fuq riferit bi hsara ghal

proprjeta’ gestita mis-socjeta’ Winter Hollow Catering Co. Ltd., li fid-drittijiet taghha l-attur nomine gie surrogat;

2. tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf seba’ mija disgha u sittin lira wiehed u tletin centezmu (Lm1769.31c) jew somma verjuri occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi; u

3. tikkundannahom, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur nomine is-somma ta’ elf seba’ mija disgha u sittin lira wiehed u tletin centezmu (Lm1769.31c) bhala risarciment tal-ammont li dan sborsa a favur tal-assikurat tieghu biex indennizzah ghad-danni li garrab fl-incident fuq riferit, ghal liema ammont l-attur nomine gie surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu, jew ammont verjuri.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-1 ta’ Dicembru 1993, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Emanuel Vella nomine li biha eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tieghu ghar-ragunijiet segwenti:

1. illi in linea preliminari Joseph Borg m’ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta’ konvenuta Offcentre Building Services Limited;

2. illi ukoll in linea preliminari l-esponenti nomine gie mharrek hazin stante li s-socjeta’ minnu rapprezentata ma jisimhiex Offcentre Building Services Ltd;

3. illi fil-meritu l-esponenti nomine m’ghandu ebda responsabbilita’ ghall-hsara kkagunata waqt ix-xoghol ta’ thaffir ta’ sit fi Triq il-Kbira, San Giljan u ghalhekk m’ghandux jirrispondi ghal eventwali likwidazzjoni tad-danni mgarrba;

4. illi fil-fatt ir-responsabbilta tal-incident meritu tal-kwistjoni hija tac-Chairman tal-Korporazzjoni tas-Servizz ta' l-Ilma bhala s-successur tal-Manager tad-Dipartiment tal-Ilma, li tieghu qed tintalab il-kjamata fil-kawza, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. illi anke ghar-rigward tal-estensjoni tad-danni ghandu jigi ritenut responsabbli c-Chairman tal-Korporazzjoni tas-Servizz ta' l-Ilma li b'rizultat tan-negligenza tieghu r-riparazzjonijiet mehtiega biex tinzamm l-emissjoni tal-ilma fil-fond in kwistjoni li eventwalment ikkagunat id-danni lmentati, damu hin twil biex saru ghalkemm huwa kien avvertit mill-ewwel bis-sitwazzjoni.

6. illi fi kwalsiasi kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, id-danni mitluba mill-attur nomine huma tabilhaqq esagerati kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 1999 li permezz tieghu giet kjamata fil-kawza l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma;[1]

Rat li din il-kjamata fil-kawza giet notifikata bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz fl-14 ta' Settembru 1999;[2]

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Koperazzjoni kjamata fil-kawza li biha eccepiet:

1. Illi, l-azzjoni attrici hija preskritta fil-konfront ta' l-istess eccipjenti, ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici fil-konfront tal-korporazzjoni eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

[1] Fol.s119 u 120
[2] Fol.123 - tergo

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamata fil-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet ix-xhiehda bil-gurament;
Ikkunsidrat;
Illi dan il-gudizzju huwa limitati ghall-ezami tal-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 2153 tal-Kap.16 li jistipula terminu preskrittiv ta' sentejn fir-rigward ta' danni mhux derivanti minn reat.

Illi jinsab ritenut fil-gurisprudenza li azzjoni ghad-danni derivanti minn fatt illecitu li ma jikkostitwix reat vera u proprju jew minn inadempjenza kontrattwali, u cioe' dawk derivanti minn *culpa aquiliana* huma kolpiti bi preskrizzjoni bijennali

Illi fil-meritu jigi osserva li kif jirrizulta mill-att tac-citazzjoni l-incident meritu tal-kawza odjerna sehh f' Settembru 1993, filwaqt li l-Korporazzjoni giet kjamata fil-kawza fit-8 ta' Marzu 1999[3] u giet notifikata bl-atti fl-14 ta' Settembru 1999[4]. Minn dan jirrizulta car li mhux biss ddekorra l-perijodu ta' sentejn stipulat mill-ligi, izda anke dak ta' hames snin.

Illi ma jirrizultax li dan it-terminu preskrittiv ta' sentejn gie interrot b' xi wiehed mill-mezzi kontemplati mill-ligi, u ghalhekk f' dan il-kaz id-dekorriment ta' dan il-perijodu jirrendi l-azzjoni attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta preskritta skond il-ligi.

Illi rigward l-ispejjez ta' dan il-gudizzju, il-Qorti tosserva li, dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Emanuel Vella nomine li kien talab il-kjamata fil-kawza tal-Korporazzjoni[5].

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza, bazata fuq il-preskrizzjoni bijennali

[3] Fol.119
[4] Fol.123
[5] Fol.50

kontemplata fl-Artikolu 2153, u konsegwenzjalment tichad it-talbiet attrici fil-konfront taghha. L-ispejjez ikun a kariku tas-socjeta konvenuta Offcentre Buildings Services Ltd.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------